**Editorjal**

**“It-tfal isalvaw hajjiet” – Stqarrija tal-fehema tal-Kunsill Ewropew ghar-Resussitazzjoni dwar it-tahrig tat-tfal tal-iskola fir-Resussitazzjoni**

**“Idejn li jaghtu ghajnuna – It-tahrig tat-tfal huwa tahrig ghall-hajja.**

---

Waqfien tal-qalb ghall-gharrieda barra mill-isptar [OHCA] minghajr resussitazzjoni kardjopulmonary [CPR] effettiva, huwa t-tielet l-akbar kawza tal-mewt fil-pajjizi industrijalizzati. Bejn 2-10% biss jibqghu hajjin wara OHCA. Fl-Ewropa u fl-USA flimkien, imutu 700,000 ruh kull sena minn OHCA. L-istess ighodd ghal artijiet ohra industrijalizzati fid-dinja. Hafna minn dawn il-pazjenti jistghu jehilsuha jekk iktar mill-popolazzjoni titghallem tirresussita, CPR, mal-ewwel. Servizzi tal-Medicina ta’ l-Emergenza, EMS, jafu jdumu ma jaslu bosta [6-12] minuti jew iktar. B’xorti hazina, wara li l-qalb tieqaf thabbat, il-mohh jibda jmut wara biss 3-5 minuti minghajr cirkulazzjoni tad-demm.

Sa 70% tal-OHCA isehhu taht ghajnejn familjari, hbieb jew xhud ohra. Ghalhekk, id-dewmien li jista’ jkun letali sa ma jasal l-EMS, jista’ jimtela’ b’success minn uhud minn dan-nies. Ghall-ewwel ftit minuti wara OHCA, ikun ghad hemm ossignu fid-demm u fil-pulmuni ta’ dak li jkun u ghalhekk, kompressjoni mal-ewwel tas-sider tal-pazjent min-nies xhud tal-OHCA, taf issalva mijiet ta’ eluf ta’ hajjiet kull sena. Hafif biex wiehed jaghmel CPR effettiva – mhux mistenni li nies xhud mhux professjonisti fis-sahha li jaghmlu CPR jistghu jaghmlu xi hsara. Meta xhud jaghti CPR mal-ewwel, ic-cans li l-pazjent jghix jitkattar b’bejn zewg u erba’ darbiet. Izda r-rata ta’ CPR moghti minn xhud mhux professjonisti tal-attakk, jilhaq biss is-60-70% fi ftit pajjizi biss, il-bicca l-kbira, ir-rata hi hafna inqas mil-20%.

Tahrig obligatorju fl-ghoti tas-CPR tat-tfal ta’ l-iskola hu l-ahjar mod biex tikber ir-rata ta’ resussitazzjoni mix-xhud. Dan jidher li hu l-ahjar mod biex jintlahaq il-poplu kollu. Fost ir-rati l-iktar gholja tas-CPR mix-xhieda jinstabu f’pajjizi Skandinavi fejn

tahrig obligatorju tat-tfal tal-iskola fis-CPR ilu jsehh ghexieren ta' snin u dat-tahrig issa qed jifrex f'artijiet ohra.

Biex issostni dan kollu, il-Organizzazzjoni Dinjija ghas-Sahha [WHO] approvat l-istqarrija "It-tfal isalvaw hajjiet" ["Kids save lives"] fil-2015, stqarrija kongunta mill-Kunsill Ewropew ghar-Resussitazzjini [ERC], il-Fondazzjoni Ewropeja ghall-Harsien tal-Pazejnt [EPSF], il-Kumitat Internazzjonali ghal-Kollaborazzjoni ghar-Resussitazzjoni [ILCOR] u l-Federazzjoni Dinjija tas-Socjetajiet tal-Anastetisti [WFSA]. Din l-istqarrija tirrikmanda saghtejn tahrig fis-CPR kull sena minn tnax il-sena l-fuq, fl-iskejjel kollha tad-dinja. Ta' din l-eta, it-tfal jitharrgu iktar malajr u jitghallmu b'iktar heffa kif jghinu lil haddiehor. Taghlim minn eta zghira jwassal biex is-CPR jigrilu bhall-ghum jew l-irkib ta' bicikletta: it-tfal ma jinsewx kif isalvaw hajja. Professjonijisti fis-Sahha, ghalliema mharrga kif jghallmu s-CPR u ohrajn jistghu jghallmu lit-tfal tal-iskola fis-CPR u dawn kollha jafu jimmoltiplikaw in-numru ta' l-imharrga fis-CPR. L-gharfien ta' kif jinghata s-CPR, jista' joktor iktar billi t-tfal ta' l-iskola jintalbu jharrgu wkoll lil qrabathom u hbiebom.

**Il-10 principji tal-Kumitat Ewropew ghar-Resussitazzjoni [ERC] – Isalvaw iktar bil-"It-tfal isalvaw hajjiet" ["Kids save lives"]**

1. Kulhadd jista' jsalva hajja – it-tfal ukoll jistghu isalvaw hajja.

2. Sa saghtejn tahrig fir-Resussitazzjoni Kardjo-Pulmonary [CPR] fis-sena ghal tfal ta' l-iskola bizzejjed.

3. It-tahrig irid ikun prattiku u jista' jkun ukoll mghejjun b'tahrig tejoretiku u wkoll virtwali. Tahrig bhal dan inghata wkoll minghajr apparat soffistikat jew manikini tar-resussitazzjoni.

4. It-tahrig ta' kull sena tat-tfal ta' l-iskola ghandu jinbeda mill-eta ta' tnax il-sena jew qabel.

5. It-tfal imharrga ghandhom ikunu mhegga jharrgu lil haddiehor. Wara li jkunu mharrga, it-tfal ghandhom jinghataw il-mira li jharrgu ghaxra min-nies ohra u wara jirrappurtaw x'ikunu ghamlu.

6. Hafna nies differenti, bhal anastetisti, kardjologisti, specjalisti tal-Medicina ta' l-Emergenza, infermiera, paramedici u studenti ohra fis-sahha, ghalliema mharrga u bosta voluntiera ohra, jistghu iharrgu t-tfal fis-Resussitazzjoni fl-iskola jew fi bnadi ohra.

7. Dawk responsabbli fil-Ministeri ta' l-Edukazzjoni u/jew Ministeri ghall-Iskejjel u politici ewlenin ta' kull pajjiz, ghandhom jixprunaw programmi nazzjonali ta' tahrig tat-tfal fir-resussitazzjoni.

8. Kull Kunsill Nazzjonali ghar-Resussitazzjoni jew organu tat-tip tieghu, ghandu jsostni f'artu t-twettiq ta' inizzjattiva "It-tfal isalvaw hajjiet."

9. Bil-"It-tfal isalvaw hajjiet" it-tfal jitghallmu wkoll il-hiliet u r-responsabbiltajiet mehtiega.

10. Programmi nazzjonali li jharrgu t-tfal fir-resussitazzjoni jafu jsalvaw hajjiet, ikabbru l-produttivita tas-socjeta u jnaqqsu l-infieq fis-settur tas-Sahha.

**B.W ,Bottiger, L.L.Bossaert, M. Castren, D. Cimpoesu**

**ERC Position Statement on school children education in CPR**